**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Pierre Vassallo**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Pierre Vassallo ta' 42 sena bin Mario u Carmen xebba Borg, imwieled Attard nhar il-26 ta' Frar 1979 resident gewwa 54, Merhba, Triq tac-Caghki, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 141279M.

Akkuzat talli:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb fuq il-persuna tas-siehba tieghu Catherine Abela li tghix fl-istess residenza mieghu, u kkagunalha griehi ta' natura hafifa hekk skond ma' gie ccertifikat

minn Dr Marica Galea M.D (Reg. No. 4121) mic-centru tas-Sahha tal-Mosta u dan meta bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu josserva biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir jimpedixxi li jsir;

2. U aktar talli fl-istess data u anke fil-gimghat/xhur ta' qabel, bl-imgieba tieghu ikkaguna lis-siehba tieghu Catherine Abela biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 221(1) Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, u dan meta bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu josserva biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir jimpedixxi li jsir;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi u kif ukoll fiz-zminijiet ta' qabel, gab ruhu b'mod li ta fastidju lis-siehba tieghu Catherine Abela b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal din il-persuna u dan meta bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li kellu josserva biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir jimpedixxi li jsir;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation ghal tlett snin liema sentenza giet mghotija mil-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. fit-23 ta' Frar, 2017 liema sentenza hija defenittiva u ma tistax tinbidel bi ksur tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Catherine Abela jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9, u f'kaz ta'

htija, hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra tieghu jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 gie registrat is-segwenti verbal:

*"Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali u semghet ix-xhieda tal-allegata parti leza Catherine Abela, li tigi s-siehba tal-imputat, qed tezenta lill-istess Catherine Abela milli tixhed."*

6. F'dawn il-proceduri xehedu ukoll l-Ufficjal Prosekutur Stacy Gatt, it-tabiba Dr Marica Galea, Ilona Deguara, Malcolm Mifsud, PC 283 Roderick Borg, PC 1309 John Scerri.

7. L-Ufficjal Prosekutur xehdet li Catherine Abela kienet irraportat l-ghassa tal-Pulizija tar-Rabat fid-19 ta' Mejju 2019 li dak in-nhar kienu inqalghu zewg argumenti bejnha u bejn is-sieheb taghha, l-imputat odjern, u waqt it-tieni argument kien ikkagunalha griehi ta' natura hafifa, u ipprezentat ukoll certifikat mediku f'dan is-sens. Hija qalet ukoll li f'dawn l-ahhar zminijiet l-imputat kien qed ikun aggressiv fil-konfront taghha u kien qed jerfa' wkoll idejh fuqha. Gew imsejjha s-social workers tal-Agenzija Appogg li ghamlu r-risk assessment fuq Catherine Abela li rrizulta bhala medium. Pero Catherine

Abela irrifjutat li thalli lill-ispettur tohdilha ritratti tal-griehi li kellha fuq idejha. Hija spejgat l-investigazzjoni kollha li ghamlet fir-rigward ta' dan ir-rapport.

8. Dr Marica Galea, tabiba fil-Mosta Health Centre, ikkonfermat bil-gurament ic-certifikat mediku rilaxxat minnha fid-19 ta' Mejju 2019, fejn iddikjarat li Catherine Abela kellha *"dbengila forma ta' cirku fuq id-driegh tax-xellug, b'dijametru ta' c. 5cm."* Hija ikklassifikat din il-ferita bhala wahda hafifa, salv kumplikazzjonijiet.

9. Ilona Deguara, social worker fi hdan l-Agenzija Appogg, xehdet dwar r-risk assessment li sar fuq Catherine Abela, u ipprezentat ir-rapport relattiv. Malcolm Mifsud - li fid-data koncernata kien surgent fl-Ghassa tar-Rabat - xehed li jiftakar li Catherine Abela ghamlet fuq l-imputat, pero ma ftakar xejn izjed dwar il-kaz, lanqas jekk kienx hu li kiteb ir-rapport tal-Pulizija. PC 283 Roderick Borg ftakar li Catherine Abela ghamlet dan ir-rapport, pero ma kienx involut izjed fl-investigazzjoni PC 309 John Xerri ikkonferma li hu kien xhud meta l-imputat iffirma d-dokument li bih irrinunzja ghall-assistenza legali, u li kien ukoll xhud meta ittiehdet l-istqarrija tieghu, u gharaf il-firem fuq id-dokumenti relattivi

10. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammeta li kien inqala argument verbali bejnu u bejn is-siehba tieghu Catherine Abela, pero innega li hu xi darba kien sawwatha. Huwa ma setghax jispjega l-ferita hafifa, ossia gidma, li kellha minn fejn giet.

11. Mill-provi jirrizulta li fid-19 ta' Mejju 2019, Catherine Abela kienet qed issofri minn ferita hafifa. Pero il-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu persuna ragonevoli tikkonkludi lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta l-imputazzjonijiet li qeghdin jigu addebitati lilu. Kif diga inghad aktar il-fuq, dan ma garax minhabba xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li debitament harrket lill-parti leza sabiex tixhed, izda ghaliex din il-Qorti laqghet it-talba ta' Catherine Abela s-siehba tal-imputat sabiex ma tixhidx. Effettivament Catherine Abela xehdet li wara l-incident tad-19 ta' Mejju 2019, hi u l-imputat komplew ir-relazzjoni taghhom.

12. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, u ta' l-unika xhud okulari li setgha kien hemm, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, ghalkemm huma provi ammessibbli, huma biss prova ta' l-informazzjoni li l-parti leza tat lil dawn ix-xhieda prodotti mill-

Prosekuzzjoni, u li se mai setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-parti leza, kieku din xehdet. Pero dawn il-provi wahedhom certament mhux bizzejjed biex jindikaw htija, lanqas fuq bazi prima facie, stante li ma jikkostitwux prova tal-verita tal-fatti li rrakkontat lilhom il-parti leza. Dawn il-persuni li xehdu kollha hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qaltilhom il-parti leza. La darba, il-parti leza ma xehditx, ix-xhieda ta' dawn il-persuni ma tistax tigi kkontrollata.

13. Min-naha l-ohra waqt l-interrogatorju tieghu, l-imputat cahad l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tieghu.

14. Fid-dawl tas-suespost, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**